**349. Il-Ministru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur ippropona:**

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromwovi s-sehem fil-qasam soċjali ta' għaqdiet u trejdunjonistiku, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti proprjetà lil Malta Employers' Association b'titlu ta' kera, il-proprjetà hekk kif deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 268 Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont Riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmija jsir skont Riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-fond fil-Belt Valletta kif deskritt aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati jiġi mogħti b'titlu ta' kera lill-Malta Employers' Association, għaż-żmien ta' ħmistax (15)-il sena, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

5.12.12